**9 ta' Diċembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Emanuel Busuttil.

**Traffiku — Sinjali — "Parking" — "Traffic Signs Regulations" — Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 454 tal-1956.**

*Ir-regolamenti dwar is-sinjali tat-traffiku, fejn jipprojbixxu l-"parking" f'ċerti postijiet, huma ċari u kategoriċi, u mhux leċitu lill-ġudikant illi jallarga l-eċċezzjoni li tagħmel il-liġi*

*Dik l-eċċezzjoni hija fis-sens illi fil-postijiet fejn hu projbit il-"parking" id-driver jista' jwaqqaf biex italla' jew iniżżel il-passiġġieri; u għalhekk, jekk id-driver jinżel hu stess mill-karrozza f'post fejn ma jistgħax jipparkja, u jmur jaqdi l-affarijiet tiegħu anki għal ftit minuti, huwa ħati tal-kontravvenzjoni li pparkja f'post projbit.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli l-Belt Valletta, fil-21 ta' Lulju 1961, f'xi l-11 a.m., ipparkja car no. 13479 f'Old Bakery Street, bejn St. John Street u St. Lucia Street, f'post fejn hemm sinjal tat-traffiku li jindika li ma tistgħax tipparkja;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Awissu 1961, li biha sabet lill-imputat mhux ħati u lliberatu;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talab li tiġi revokata, billi l-imputat jiġi misjub ħati u kundannat skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsdrat;

Bin-Notifikazzjoni tal-Gvern 454 tal-1956 ġew publikati t-"Traffic Signs Regulations". Fil-Kap. II tagħhom, taħt l-intestatura "Regulatory Signs", sez. B, para. IX, p. 14, hemm riprodott is-sinjal projbenti l-"parking", u jingħad:— "Vehicles may, however, stop only for the purpose of picking up or setting down passengers";

Il-kliem tal-liġi huma ċari u kategoriċi, u mhuwiex għalhekk leċitu lill-ġudikant, "iniectis distinctionibus", li jallarga l-eċċezzjoni li tagħmel il-liġi. Bir-rispett kollu, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti hi perikoluża, għaliex tagħti lok li jista' jiġi kreat tfixkil għat-traffiku, speċjalment f'dik il-parti tat-trieq in kwistjoni, fejn fil-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni jkun hemm konġestjoni kważi kronika bin-numru ta' vetturi transitanti u pparkjati. Is-sentenzi ċitati mill-Ewwel Qorti ma jgħoddux għall-fattispeċje għax ir-reat ta' ostruzzjoni għandu fattezzi diversi;

Jirriżulta li l-imputat ma waqafx biex iniżżel jew italla' passiġġieri, imma niżel hu biex jidħol f'uffiċċju kummerċjali, jitla' tarag sal-ewwel pjan, jirtira minn għand idditta "Serra" import licence, u b'hekk iddawwar mal-ħames minuti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-Prosekuzzjoni, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat ħati, u wara li rat il-Kap. 105 art. 17(1) u l-art. 7(2) Kap. 12, tikkundanna lill-imputat għall-ammenda ta' lira (£1).